MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 483/2011

**Appell Nru. 483/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**Vs**
**Jean Claude Cassar**

**Illum 17 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 528374 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Jannar 2009 u fix-xahar ta' qabel:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr

ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

d) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe kontra PS 1086 Johan Micallef u PC 599 Clive J. Mangion, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) ingurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq PS 1086 Johan Micallef u PC 599 Clive J. Mangion u dan ai termini tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1086 Johan Micallef waqt li kien qed jaqdi id-doveri tieghu jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu, u dan ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

h) U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. S. Demicoli LL.D. datata 25 ta' April 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U fl-ahharnett, talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Otturbu, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 8(d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 96(a), 95(1), 338(ee), 49 u 50 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni (h), sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (e), (f), (g) u (i) migjuba kontra tieghu, u fil-kaz tal-imputazzjoni (c) sabitu hati biss ta' pussess semplici tad-droga eroina, u lliberatu mill-aggravanti li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, l-Qorti kkundannat lill-hati ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' tlett elef Ewro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista` tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jgi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.
In oltre, l-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €925.68, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut

minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.
Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha esebiti distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet a, b, d, e, f, g, i u fejn fil-kaz tal-imputazzjoni c sabitu hati biss ta’ pussess semplici ta’ eroina u lliberatu mill-aggravanti tal-istess akkuza u tvarja l-istess sentenza fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ hames snin prigunerija u multa ta’ tlett elef Ewro u tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u errogat piena eccessiva fic-cirkostanzi.

Illi kif jirrizulta b’mod manifest mill-istess sentenza quddiem l-Ewwel Qorti kien sar patteggjament bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni.

Illi in effetti d-difiza u l-prosekuzzjoni l-ewwel kienu ftehmu li l-piena kellha tkun hames snin.

Illi pero` wara, stante li l-imputazzjoni tal-ksur tal-probation ma baqghatx aktar inkluza l-istess partijiet kienu rrikmandaw lill-Qorti iktar mita u cioe` tlett snin u nofs prigunerija.

Illi pero` l-Ewwel Qorti qalet ***“quddiem din il-qorti ma jistawx isiru pattegjament”.***

Illi indubjament din l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti kienet wahda erronja ghal kollox.

Illi huwa minnu li l-istitut tal-"plea bargaining" quddiem il-Qrati Inferjuri mhux regolat bil-ligi.

Illi in effetti dan l-istitut gie introdott fil-ligi penali taghna bl-artikolu 453A tal-Att III tas-sena 2002. Sfortunatament din l-emenda tapplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi umbaghad l-artikolu 393A(5) jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu surefferrit ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja qabel ma' l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati.

Illi jerga` jinghad per sfortuna li dawn l-emendi ma jirreferux ghall-proceduri quddiem Qrati Inferjuri fil-vesti taghhom bhala Qrati tal-Gudikatura Kriminali.

Illi madankollu jinghad li kienet ilha l-prassi quddiem dawn il-Qrati li jsir patteggjament mhux formali u Alla hares kien mod iehor ghaliex kieku hafna kawzi li jistghu jigu konkluzi b'mod spedit jibqghu jiddilungaw ruhhom inutilment a pregudizzju tal-istess retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi fl-isfond ta' dan kollu in kwistjoni finalment giet rimessa l-Qorti tal-Appeli Kriminali li tat linji gwida ta' kif ghandu ta' bilhaqq isehh il-patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri.

Illi hawn id-difiza tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mario Spagnol" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Sede Inferjuri, tas-6 ta' Jannar, 2005 hawn il-Qorti verbatim qalet hekk :*".... mhux eskluzz li anke quddiem dawn il-Qrati (Qrati Inferjuri) il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija".*

Illi din il-Qorti pero` ifformalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri. Il-Qorti qalet : *".... dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe`*

*jew bil-fomm waqt l-udjenza u cioe` "in open Court" jew permezz ta' xi att gudizzjarju".*

Illi d-difiza ben konsapevoli ta' din is-sentenza anke peress li l-Avukat sottofirmat kien jippattrocinja lill-appellant f'dik il-kawza qaghad attent li jinxi verbatim ma dak ennunzjat f'dik is-sentenza.

Illi in effetti l-patteggjament sar bil-miftugh quddiem il-Qorti.

Illi dik l-istess Qorti kkumentat : *"......il-gudikant jista` jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le x'forma partikolari ser ikollha s-sentenza li ha jkun ser jaghti".*

Illi kuntrarjament ghal dak li affermat l-Ewwel Qorti mhu veru xejn li huwa vjetat li jsiru patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri.

Illi l-iskop wara l-patteggjament huwa wiehed uniku li ma jkunx hemm sorprizi ghax b'dan il-mod tigi stultifikata ghal kollox din il-prattika.

Illi f'dan il-kaz la l-Qorti kellha f'mohha li tiddipartixxi daqstant minn dak pattwit zgur li l-prudenza kienet tirrikjedi li l-Qorti kellha taghti xi indizju u mhux li tissorprendi lill-appellant b'dan il-mod.

Illi l-element ta' sorpriza zgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li pregudikat mhux biss lill-imputat imma sfortunatament anke lill-istess difensur li jkun igwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri.

Illi f'dan il-kaz huwa zgur li kieku d-difiza kellha indizji mod iehor kienet tirregola ruhha mod iehor kif ser jigi ampjament spjegat lil din il-Qorti.

Illi bid-dovut rispett il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena tenfasizza z-zejjed il-fatt li l-imputat ma ammettiex mill-ewwel.

Illi bid-dovut rispett zgur li ma kienx il-kaz li l-imputat jaqbad u jammetti bl-addocc l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Illi in effetti iz-zmien tah ragun ghaliex minhabba f'indoli ta' natura kostituzzjonali l-istqarrija tieghu tilfet il-valur probatorju taghha. Minhabba f'dan huwa gie lliberat minn numru kbir ta' akkuzi.

Illi inoltre l-appellant ma setax jammetti l-akkuza ta' ksur tal-ordni tal-probation u dan peress li kif kien irreleva fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa kien tressaq quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fuq dik l-istess akkuza tant li dik l-akkuza giet deciza fil-konfront tieghu qabel il-konkluzzjoni ta' dawn il-proceduri.

Illi inoltre l-patteggjamenti jiehdu z-zmien taghhom u f'dan il-perjodu kif jirrizulta mill-atti kien qed isir sforz ghal ftiehem bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni. Avolja jkollu jinghad li dawn l-isforzi kollha issarfu f'hin mohli.

Illi huwa minnu li l-appellant ghandu fedina penali rafrettarja pero` daqstant hu minnu ukoll li l-ammont ta' droga misjuba kienet mita hafna u l-appellant ikkopera mall-Pulizija fl-istqarrija tieghu u anke assista lill-istess Pulizija Ezekuttiva ulterjorment u b'tali mod li kellu jibbenifika minn artikolu 29 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward ghal xi raguni jew ohra l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tnaqqas il-piena bi grad u mhux bi tnejn.

Illi waqt l-ippattegjar naturalment il-prosekuzzjoni u d-difiza ikunu ppruvaw jilhqu bilanc u l-istess ufficjal prosekutur ikun jaf fejn waslet l-ghajnuna li jkun tah l-akkuzat.

Illi m'hemmx dubju illi l-piena ta' tlett snin u nofs habs fuq tmienja u tletin gramma kokajina kienet tkun piena altroche ragonevoli.

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jilmenta minn żewġ aggravi partikolari. L-ewwel waħda hija li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u t-tieni li erogat piena eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. Rigward l-ewwel aggravju, l-appellant qiegħed jargumenta illi kien sar patteġġament mal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti teroga piena ta' tlett snin u nofs priġunerija. Però l-ewwel Qorti ma tatx kas dan il-patteġġament meta qalet, "Quddiem din il-Qorti ma jistgħux isiru patteġġamenti." Hawnhekk l-appellant deherlu illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata peress illi kienet prassi normali illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jistgħu jsiru patteġġamenti u dan skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Mario Spagnol" deċiża fis-sitta (6) ta' Jannar tal-elfejn u ħamsa (2005).

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi l-istitut ta' "plea bargaining" kif regolat bl-artikolu 453(a) tal-Kodiċi Kriminali japplika biss għall-Qorti Kriminali u dak quddiem il-Qorti Inferjuri mhuwiex regolat bil-liġi, però hija prassi komuni, illi mhux ta' min jinjora illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex jitħaffu l-proċeduri, gieli jkun hemm sitwazzjoni fejn id-Difiża u l-Prosekuzzjoni jiddikjaraw lill-Maġistrat li huma jaqblu fuq piena partikolari. Dana huwa konformi ma' dak li ntqal fis-sentenza fuq imsemmija Il-Pulizija versus Mario Spagnol, "... Mhux eskluż illi anke quddiem dawn il-Qrati (Qorti Inferjuri), il-Prosekuzzjoni u d-Difiża jistgħu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew miżura illi għandha tiġi applikata f'każ ta' ammissjoni ta' ħtija."

Dan l-insenjament ġie ukoll segwit minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawża "Il-Pulizija versus Addid Hassan Mohammed" deċiża fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012).

Ikkunsidrat:

Illi sabiex il-patteġġament ikun effettiv, kif qalet ukoll il-Qorti fil-kawża "Il-Pulizija versus Mario Spagnol" "... dana jkun irid jinġieb għall-attenzjoni ta' din il-Qorti, kif għandha

tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioé jew bil-fomm waqt l-udjenza u cioé in open Court jew permezz ta' xi att gudizzjarju." Ma hemmx dubbju, illi patteggament jista' jingieb a konjizzjoni tal-Qorti permezz ta' verbal fl-atti, liema patteggament, però, irid ikollu l-aderzjoni specifika u cara taz-zewg partijiet u cioé l-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Mill-atti tal-kawza jirrizultaw zewg verbali illi jistghu jaghtu xi dawl fuq dan il-patteggament, l-ewwel wahda hija dik tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) (fol 163) fejn saret dikjarazzjoni unilaterali tad-Difiza fejn qed tiddikjara illi sar patteggament mal-Ispettur Victor Aquilina illi dakinhar kien assenti u floku deher l-Ispettur Jesmond J. Borg li kienu ser jirrakkomandaw lill-Qorti taghti piena ta' tlett snin u nofs prigunerija. Rrileva illi konsegwentement hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza illi dan l-istat ta' fatt ghandu jigi rifless fis-sentenza u dan billi l-piena tkun anqas minn dak originarjament pattwita. L-Ispettur Jesmond J. Borg illi kien qieghed jidher dakinhar peress illi ma kienx l-ufficjal investigattiv ma wegibx ghal din id-dikjarazzjoni però, lanqas ma ghamel l-Ispettur Victor Aquilina meta deher fis-seduta sussegwenti tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) (fol 169). Dakinhar wara l-ammissjoni tal-appellant ghal xi akkuzi dedotti kontra tieghu, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet taqbel illi l-Qorti ma kellhiex tiehu konjizzjoni tal-akkuza (H), cioé dik tal-probation, u ddikjarat ukoll illi l-imputat kellu jibbenefika mill-artikolu 29 kif kienet gie ddikjarat qabel fil-verbal tal-ewwel (1) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 113). Imkien ma tidher l-aderzjoni tal-Prosekuzzjoni ghall-verbal tad-Difiza illi kien sar fis-seduta ta' qabel.

Sabiex ikompli jigi kreat sens ta' ekwivoku, fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati qalet, "Id-Difiza u l-Prosekuzzjoni dahlu f'xi tahditiet ghall-patteggament dwar il-piena u qablu li jipproponu piena ta' hames snin prigunerija ..." (216). Dana jkompli jitfa' dubbju dwar x'verament gie pattwit.

Jista' jkun hemm diversi cirkostanzi ghaliex kien hemm dan il-bdil fit-terminu karcerarja principalment il ghaliex originarjament l-appellant kien akkuzat bil-ksur tal-probation liema ksur gie determinat minn Qorti ohra u kwindi ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati. Però, hi x'inhi, dan zgur illi ma jirrizultax car quddiem il-Qorti tal-Magistrati u cioé jekk giex originarjament pattwit hames snin u ridott ghal tlett snin u nofs minhabba n-nuqqas tal-akkuza tal-ksur tal-probation jew inkella giex pattwit tlett snin u nofs illi kellha tkun anqas minhabba n-nuqqas tal-akkuza tal-ksur tal-probation.

Ovvjament f'sitwazzjoni bhal din il-Qorti ma tistax tikkonsidraha bhala patteggament fis-sens tal-ligi. Bhalma digà nghad, kull patteggament irid isir b'mod formali quddiem il-Qorti b'mod illi ma tithalla l-ebda dubbju dwar dak illi qieghed jigi miftiehem. Il-ftehim irid ikun dikjarazzjoni bejn tnejn – il-Prosekuzzjoni u d-Difiza – u dikjarazzjoni unilaterali ta' xi hadd minnhom biss ma tikkostitwixi patteggament illi l-Qorti ghandha tikkonsidra.

Ghalhekk, din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha patteggament formali sabiex tikkonsidra u setghet tinjora d-dikjarazzjoni unilaterali tad-Difiza.

Ghal dawn ir-ragnijiet qieghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat :

Ghal dak illi jirrigwarda t-tieni aggravju illi l-piena mhiex idonea ghac-cirkostanzi, il-Qorti rat ir-ragunament tal-ewwel Qorti meta erogat il-piena ta' prigunerija ta' hames snin, fejn hawnhekk il-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni dwar il-beneficcju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u qieset ukoll il-fedina penali refrettarja tal-imputat fejn instab hati xejn anqas minn tletin darba minn dawn il-Qrati ta' kull tipi divesi ta' reati u minkejja li nghata diversi ordnijiet ta' probation, jidher illi ma tghallem xejn, u kompliet bil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena, liema piena hija fil-parametri tal-ligi.

Kif qalet il-kawza Repubblika versus David Vella tal-erbatax (14) ta’ Gunju tal-elf disa’ mija disgha u disghin (1999) “Il-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt.”

Mehuda dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti u ma thossx illi ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni taghha fl-ghoti tal-piena. Ghalhekk hawnhekk ukoll il-Qorti qieghda tiddisponi mit-tieni aggravju tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------